ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 93

Edizzjoni bil-Malti

Volum 55

30 ta' Marzu 2012

## Informazzjoni u Avviżi

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
| --- | --- | --- |
| | I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet* | |
| | RAKKOMANDAZZJONIJIET | |
| | **Il-Bank Ċentrali Ewropew** | |
| 2012/C 93/01 | Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Marzu 2012 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banque de France (BĊE/2012/5) ........................................ | 1 |
| | OPINJONIJIET | |
| | **Il-Bank Ċentrali Ewropew** | |
| 2012/C 93/02 | Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Frar 2012 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli taghhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE (CON/2012/10) .... | 2 |

MT

Prezz:
EUR 3

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 93/03 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) ..... 13

2012/C 93/04 Bidu ta' proċeduri (Każ COMP/M.6458 – Universal Music Group/EMI Music) (1) ..... 15

2012/C 93/05 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (2) ..... 16


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 93/06 Rata tal-kambju tal-euro ..... 18

2012/C 93/07 Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni ..... 19


INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI


2012/C 93/08 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ..... 20


MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE
(2) Test b'rilevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-23 ta' Marzu 2012**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banque de France**

**(BĊE/2012/5)**

(2012/C 93/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Skont Artikolu L.142-2 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, il-Kunsill Ġenerali tal-Banque de France jaħtar żewġ awdituri statutorji biex jivverifikaw il-kontijiet tal-Banque de France. Skont Artikolu L.823-1 tal-Kodiċi Kummerċjali, jinħatru deputat awditur wieħed jew aktar biex jieħdu post l-awdituri eżistenti f'każ ta' rifjut min-naħa tagħhom, impediment, riżenja jew mewt.

(3) Il-mandat tal-awdituri esterni tal-Banque de France ser jintemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2011. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2012.

(4) Il-Banque de France għażel lil Deloitte & Associés u KPMG SA bħala l-awdituri esterni tiegħu u B.E.A.S. u KPMG Audit FS I SAS bħala d-deputat awdituri tagħhom għas-snin finanzjarji 2012 sa 2017,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Huwa rrakkomandat li Deloitte & Associés u KPMG SA għandhom jinħatru flimkien bħala l- awdituri esterni tal-Banque de France għas-snin finanzjarji 2012 sa 2017.

2. Huwa rrakkomandat li B.E.A.S. għandom jinħatru bħala d-deputat awdituri għal Deloitte & Associés u KPMG Audit FS I SAS bħala d-deputat awdituri għal KPMG SA għas-snin finanzjarji 2012 sa 2017.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-23 ta' Marzu 2012.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

OPINJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-10 ta' Frar 2012**

**dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE**

**(CON/2012/10)**

(2012/C 93/02)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-30 ta' Novembru 2011, il-Bank Centrali Ewropew (BCE) ircieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ghal opinjoni dwar proposta ghal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li ghandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE ([1]) (minn hawn 'il quddiem id-"direttiva proposta").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi d-direttiva proposta fiha disposizzjonijiet li jaffettwaw il-kontribut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) għat-tmexxija bla xkiel tal-politika dwar is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja mill-awtoritajiet kompetenti taħt l-Artikolu 127(5) tat-Trattat. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### Osservazzjonijiet ġenerali

Id-direttiva proposta temenda d-Direttiva 2004/109/KE ([2]) biex tikseb *inter alia* l-għanijiet regolatorji li ġejjin.

1. Jiġi llimitat il-piż tar-rapportar għal emittenti ta' titoli elenkati billi jiġu eliminati jew armonizzati ċerti obbligi ta' rapportar. Id-direttiva proposta tabolixxi r-rekwiżit li l-emittenti jippubblikaw dikjarazzjonijiet interim dwar il-ġestjoni bil-għan li jitnaqqas il-piż tar-rapportar li sar eċċessiv partikolarment għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju ([3]). Fil-prinċipju l-BĊE jappoġġja dawn l-emendi, waqt li jikkunsidra illi l-obbligu li jippubblika dikjarazzjonijiet interim dwar il-ġestjoni għandu jkompli japplika għal istituzzjonijiet finanzjarji bil-għan li jikkontribwixxi għall-fiduċja pubblika f'istituzzjonijiet bħal dawk u tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja ([4]). Fl-istess waqt, il-formoli u l-galvi standard użati fit-tħejjija ta' rapporti ta' ġestjoni u rapporti ta' ġestjoni interim għandhom ikunu armonizzati permezz ta' standards tekniċi li jridu jiġu żviluppati mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS). Il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji li jakkumpanjaw ir-rapporti ta' ġestjoni u r-rapporti ta' ġestjoni interim għandhom ukoll ikunu armonizzati permezz tal-użu ta' standards tekniċi ([5]).

([1]) KUMM(2011) 683 finali.

([2]) Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

([3]) Ara Artikolu 1(5) u (6) tad-direttiva proposta

([4]) Ara l-Emendi proposti 1, 2 u 5 fl-Anness.

([5]) Ara l-Emendi proposti 3 u 4 fl-Anness.

2. Tiġi żgurata l-effettività tal-obbligu li jiġu rrapportati akkwiżizzjonijet ta' investimenti ewlenin f'ishma, inkluż dawk l-akkwiżizzjonijiet li saru bl-użu ta' strumenti finanzjarji derivati. Id-direttiva proposta tintroduċi obbligu li jiġu rrapportati strumenti finanzjarji b'effetti ekonomiċi simili għall-għoti ta' dritt lid-detentur tagħhom li jikseb l-ishma sottostanti ta' kumpanija elenkata, ukoll fejn dan l-effett ekonomiku jinkiseb mingħajr ftehim formali bejn id-detentur ta' strument finanzjarju u l-kontroparti tiegħu ([1]). Konsegwentement, id-direttiva proposta tissuġġetta tliet kategoriji ta' investiment għall-obbligu ta' rappurtar: (a) investimenti ewlenin f'ishma jew investimenti bi proporzjonijiet ewlenin ta' drittijiet għall-vot ([2]), (b) investimenti fi strumenti li għandhom effett ekwivalenti għall-investimenti fl-ewwel kategorija ([3]), u (c) investimenti aggregati fl-ewwel żewġ kategoriji preċedenti ([4]). Il-BĊE jaqbel ma' din l-emenda, waqt li jappoġġa wkoll iż-żamma tal-eżenzjonijiet eżisteni mill-obbligi ta' rappurtar, inkluż l-eżenzjoni ta' investimenti relatati ma' attività ta' tiswir tas-suq.

3. Jittejjeb l-aċċess għal informazzjoni finanzjarja żvelata mill-emittenti. Id-direttiva proposta tiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa biex tadotta miżuri, u standards tekniċi li għandhom jiġu żviluppati mill-AETS, li ser: (a) idaħħlu r-regoli tal-interoperabilità li għandhom jiġu segwiti mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura uffiċjalment li jiġbru informazzjoni regolata mingħand l-emittenti ta' titoli elenkati, u (b) jiffaċilitaw il-ħolqien ta' punt ta' aċċess ċentrali għal din l-informazzjoni regolata f'livell ta' Unjoni ([5]). Il-BĊE jappoġġja dawn l-emendi imma jagħmel numru ta' proposti għall-abbozzar intiżi biex iżidu l-effettività tagħhom u l-preċiżjoni leġiżlattiva ([6]).

Fejn il-BCE jirrakkomanda illi d-direttiva proposta tiġi emendata, qed jiġu stabbiliti fl-Anness għal dan il-għan proposti speċifiċi għall-abbozzar flimkien ma' test spjegattiv.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-10 ta' Frar 2012.

*Il-Viċi President tal-BĊE*

Vítor CONSTÂNCIO

---

([1]) Ara Artikolu 1(8) tad-direttiva proposta.
([2]) Ara l-Artikoli 9-10 tad-Direttiva 2004/109/KE.
([3]) Ara l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/109/KE.
([4]) Ara Artikolu 13a tad-Direttiva 2004/109/KE imdaħħal minn Artikolu 1(9) tad-direttiva proposta.
([5]) Ara Artikolu 1(12) u (13) tad-direttiva proposta.
([6]) Ara l-Emendi proposti 6, 7 u 5 fl-Anness.

*ANNESS*

**Proposti għall-abbozzar**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|

***Emenda 1***

Premessa 5 tad-direttiva proposta

| | |
|---|---|
| "(5) Sabiex ikun assigurat li l-piż amministrattiv *fil-fatt* jitnaqqas fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri m'għandhomx jitħallew ikomplu jimponu r-rekwiżit ta' pubblikazzjoni tar-rapporti ta' ġestjoni interim fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom." | "(5) Sabiex ikun assigurat li l-piż amministrattiv ~~fil-fatt~~ jitnaqqas **b'mod effettiv** fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri m'għandhomx jitħallew ikomplu jimponu **fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom** ir-rekwiżit **ġenerali li jiġu ppubblikati** ~~tal-pubblikazzjoni ta~~r-rapporti ta' ġestjoni interim ~~fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom~~. **Dan ir-rekwiżit għandu jinżamm biss għall-istituzzjonijiet finanzjarji fejn konsiderazzjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja jimponu standards ta' trasparenza ogħla. Barra minn dan, għandha tinżamm il-possibbiltà għall-kategoriji kollha ta' emittenti li jippubblikaw dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni interim jew rapporti trimestrali fuq bażi volontarja jew fejn dan huwa meħtieġ mir-regoli ta' post tan-negozju bħala parti minn standard ta' elenkar speċifiku.**" |

*Spjegazzjoni*

*L-abolizzjoni tar-rekwiżit li jiġu ppubblikati dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni interim m'għandux japplika għal istituzzjonijiet finanzjarji. F'dan ir-rigward, għandhom jinżammu standards ta' trasparenza ogħla li jikkontribwixxu għall-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet finanzjarji u għall-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja. Din l-Emenda hija marbuta ma' Emendi 2 u 5.*

*Barra minn dan, il-bidliet introdotti m'għandhomx jeffettwaw il-possibbiltà għall-emittenti kollha li jippubblikaw dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni interim jew rapporti trimestrali fuq bażi volontarja jew fejn l-emittent irid ikun konformi ma' standard ta' elenkar speċifiku mogħti minn post tan-negozju. Dawn it-tipi ta' żvelar jindirizzaw it-talba għal livell ogħla ta' trasparenza tal-emittent minn xi klassijiet ta' investituri. Din il-possibbiltà li jsir żvelar aktar komprensiv tikkontribwixxi għall-operat effiċjenti tas-swieq kapitali u għandha tinżamm.*

***Emenda 2***

Artikolu 1(1) tad-Direttiva proposta

| | |
|---|---|
| "(1) L-Artikolu 2(1) huwa emendat kif gej: | "(1) L-Artiklu 2(1) huwa emendat kif gej: |
| … | … |
| (c) jiġi miżjud il-punt (q) li ġej: | (c) **il-punt (o) huwa mibdul b'dan li gej:** |
| '(q) 'ftehim formali' tfisser ftehim li huwa vinkolanti skont il-ligi applikabbli.'." | '**(o) 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser impriża kif definita fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment (*)**'; |
| | **(d) jigi mdaħħal il-punt (q) li gej:** |
| | '**(q) 'istituzzjoni finanzjarja' tfisser entità awtorizzata li twettaq kwalunkwe mill-attivitajiet elenkati fid-Direttiva xx/xx/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] dwar l-aċċess għall-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment u li temenda d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi tal-assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju (**), ir-Regolament (UE) Nru xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
| --- | --- |
| | **[data] dwar swieq fl-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament Nru xx/xx ta' [data] dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tan-negozju (***), id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (****), id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' impriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (*****), id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (******) kif ukoll id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (*******).**<br><br>(*) **ĠU L […].**<br>(**) **ĠU L […].**<br>(***) **ĠU L […].**<br>(****) **ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1**<br>(*****) **ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32**<br>(******) **ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10.**<br>(*******) **ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.**';<br><br>**(e)** jigi mizjud il-punt (~~q~~**r**) li gej:<br><br>'(~~q~~**r**) 'ftehim formali' tfisser ftehim li huwa vinkolanti skont il-ligi applikabbli.'." |

*Spjegazzjoni*

*Il-BĊE jipproponi li ma jitneħħiex ir-rekwiżit li jiġu ppubblikati dikjarazzjonijiet dwar il-ġestjoni interim sa fejn huma kkonċernati l-istituzzjonijiet finanzjarji (ara l-Emendi 1 u 5). Konsegwentement, definizzjoni ta' "istituzzjoni finanzjarja" tenħtieġ li tiġi introdotta fid-direttiva proposta. Barra minn dan, id-definizzjoni ta' "istituzzjoni ta' kreditu" fid-Direttiva 2004/109/KE li tirreferi għad-Direttiva 2000/12/KE tenħtieġ li tiġi aġġornata biex tirreferi għar-regolament propost dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment.*

***Emenda 3***

Artikolu 1(3) tad-direttiva proposta

| | |
| --- | --- |
| "(3) Fl-Artikolu 4, huwa miżjud il-paragrafu 7 li gej:<br><br>'7. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (minn hawn 'il quddiem 'AETS'), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), għandha toħrog linji gwida, inklużi formoli standard jew mudelli, biex tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' ġestjoni.<br><br>(*) GU L 331, 15.12.2010, p. 84.' " | "(3) Fl-Artikolu 4, huwa mizjud il-paragrafu 7 li gej:<br><br>'7. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (minn hawn 'il quddiem 'AETS'), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), għandha ~~toħrog linji gwida~~ **tiżviluppa**, **f'kooperazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea (minn hawn 'il quddiem 'ABE'), stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (**), **abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni**, inkluzi formoli standard jew mudelli, biex tispecifika l-informazzjoni li ghandha tigi inkluza fi:<br><br>**(a)** ir-rapport ta' ġestjoni, **li permezz tiegħu l-AETS għandha tiżgura illi dawn il-mudelli jkunu kompatibbli mal-Artikoli 20 u 29 tad-Direttiva xx/xx/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] dwar ir-rendikonti finanzjarji annwali, ir-rendikonti finanzjarji konsolidati u rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi** (***); |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|
| | **(b) ir-rendikonti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 2, li permezz tagħhom l-AETS ser tiżgura illi dawn il-mudelli għar-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja minn istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment li ser ikunu speċifikati fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-ABE abbażi tal-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru xx/xx [dwar rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment].**<br><br>**L-AETS għandha tinvolvi kif xieraq lill-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (minn hawn 'il quddiem il-'Kumitat Konġunt') imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u għandha tissottometti l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.**<br><br>**Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.**<br><br>(*) GU L 331, 15.12.2010, p. 84.<br>(**) **GU L 331, 15.12.2010, p. 12.**<br>(***) **GU L […].**'." |

*Spjegazzjoni*

*Bil-ħsieb li jinkisbu l-għanijiet tad-direttiva proposta li jiġi mmodernizzat il-qafas tar-rapportar għall-emittenti u jitnaqqas il-piż tar-rapportar, l-AETS għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jarmonizzaw il-formoli u l-mudelli standard użati biex jissodisfaw l-obbligi tar-rapportar. Din l-armonizzazzjoni għandha tikkonċerna kemm ir-rapporti ta' ġestjoni kif ukoll ir-rendikonti finanzjarji li jakkompanjawhom, fejn:*

(a) *il-forom u l-mudelli standard użati għar-rapporti ta' ġestjoni għandhom ikunu allinjati mad-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tar-rapporti ta' ġestjoni u r-rapporti ta' ġestjoni kkonsolidati fid-direttiva proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapporti finanzjarji konsolidati u rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi* ([2]);

(b) *il-formoli u mudelli standard għar-rendikonti finanzjarji li jakkumpanjaw ir-rapporti ta' ġestjoni għandhom ikunu allinjati mal-mudelli għar-rapportar li jridu jiġu żviluppati mill-ABE abbażi tar-regolament propost dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment.*

***Emenda 4***

Artikolu 1(4) tad-direttiva proposta

| | |
|---|---|
| "(4) Fl-Artikolu 5, huwa mizjud il-paragrafu 7 li gej:<br><br>'7. L-AETS għandha toħroġ linji gwida, inklużi formoli standard jew mudelli, biex tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' ġestjoni interim.' " | "(4) Fl-Artikolu 5, huwa miżjud il-paragrafu 7 li ġej:<br><br>'7. L-AETS għandha ~~toħroġ linji gwida~~ **tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-ABE, abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni**, inklużi formoli standard jew mudelli, biex tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fi:<br><br>**(a)** ir-rapport ta' ġestjoni interim;<br><br>**(b) il-ġabra fil-qosor tas-sett ta' rendikonti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 2, li permezz tagħha l-AETS għandha tiżgura illi dawn il-mudelli huma kompatibbli mal-mudelli għar-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja minn istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment li ser ikunu speċifikati fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-ABE abbażi tal-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru xx/xx [dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment].** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (1) |
|---|---|
| | **L-AETS għandha tinvolvi skont kif xieraq lill-Kumitat Konġunt u għandha tissottometti l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.**<br><br>**Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards teknici ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.**' " |

*Spjegazzjoni*

*Ara l-ispjegazzjoni fir-rigward ta' Emenda 3 li tapplika għal formoli standard u mudelli għal rapporti ta' ġestjoni interim u l-ġabra fil-qosor tas-sett ta' rendikonti finanzjarji.*

***Emenda 5***

Artikolu 1(5) u l-Artikolu 1(5a) ġdid tad-direttiva proposta

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (1) |
|---|---|
| "(5) L-Artikolu 6 huwa mibdul b'li gej: | "(5) L-Artikolu 6 huwa mibdul b' li gej: |
| 'Artikolu 6 | 'Artikolu 6 |
| Rapport dwar pagamenti lill-gvernijiet | ~~Rapport dwar pagamenti lill-gvernijiet~~ |
| …'." | **Dikjarazzjonijiet dwar il-ġestjoni interim** |
| | **1. Mingħajr preġudizzju għal Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġjata u l-manipulazzjoni tas-suq (l-abbuż tas-suq) (*), emittent li huwa istituzzjoni finanzjarja li l-ishma tagħha huma ammessi għan-negozju f'suq regolat għandu jippubblika d-dikjarazzjonijiet dwar il-ġestjoni fil-perjodi tal-ewwel sitt xhur u tat-tieni sitt xhur tas-sena finanzjarja. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru fil-perjodu bejn għaxar ġimgħat wara l-bidu u sitt ġimgħat qabel it-tmien tal-perjodu ta' sitt xhur relevanti. Huma għandhom ikun fihom informazzjoni li tkopri l-perjodu bejn il-bidu tal-perjodu ta' sitt xhur relevanti u d-data tal-pubblikazzjoni. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jipprovdu:** |
| | **— spjegazzjoni tal-ġrajjiet u t-tranżazzjonijiet materjali li jkunu seħħu matul il-perjodu relevanti u l-impatt tagħhom fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-emittent u l-impriżi kontrollati tiegħu, u** |
| | **— deskrizzjoni ġenerali tal-pożizzjoni finanzjarja u l-imġiba tal-emittent u tal-impriżi kkontrollati tiegħu matul il-perjodu relevanti.** |
| | **2. L-istituzzjonijiet finanzjarji emittenti li, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew ir-regoli tas-suq regolat relevanti, jew fuq inizjattiva tagħhom stess, jippubbikaw rapporti finanzjarji trimestrali m'għandhomx jintalbu jippubblikaw dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni interim kif imsemmi fil-paragrafu 1.** |
| | **3. Awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li istituzzjoni finanzjarja emittenti tista' tittardja l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni speċifikata f'dikjarazzjoni dwar il-ġestjoni interim fejn ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:** |
| | **(a) l-informazzjoni hija ta' importanza sistemika;** |
| | **(b) huwa fl-interess pubbliku li tiġi ttardjata l-pubblikazzjoni tagħha;** |
| | **(c) il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tista' tiġi żgurata.** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|
| | **L-awtorità kompetenti għandha tadotta d-deċiżjoni fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' istituzzjoni finanzjarja emittenti, il-bank ċentrali relevanti tas-SEBĊ, l-awtorità li qed tissuperviżjona l-istituzzjoni finanzjarja emittenti jew l-awtorità mikroprudenzjali nazzjonali.**<br><br>**Id-deċiżjoni għandha tkun bil-miktub.**<br><br>**L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi d-dewmien huwa biss għal perjodu ġġustifikat mill-interess pubbliku.**<br><br>**L-awtorità kompetenti għandha tal-anqas darba fil-ġimgħa tivvaluta t-twettiq tal-kundizzjonijiet f'punti (a), (b) jew (c), f'kooperazzjoni mill-qrib mal-bank ċentrali relevanti tas-SEBĊ, l-awtorità li tissuperviżjona l-istituzzjoni finanzjarja emittenti u, kif xieraq, l-awtorità makroprudenzjali nazzjonali u għandha tirrevoka d-deċiżjoni tagħha minnufih jekk kwalunkwe mill-kundizzjonijiet ma tkunx aktar sodisfatta.**<br><br>**4. L-AETS għandha tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-ABE, abozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, inkluż formoli standard jew mudelli, biex tiġi speċifikata l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni interim imsemmijin fil-paragrafu 1, fejn l-AETS għandha tiżgura illi dawn il-mudelli huma kompatibbli mal-mudelli għar-rappurtar ta' informazzjoni finanzjarja minn istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment li ser ikunu speċifikati fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-ABE abbażi tal-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru xx/xx [dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment].**<br><br>**L-AETS għandha tinvolvi kif xieraq lill-Kumitat Konġunt u għandha tissottometti l-abbozzi tal-istandards teknici ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.**<br><br>**Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.**<br><br>(*) **ĠU L [...]**.'.<br><br>**(5a) L-Artiklu 6a li ġej huwa mdaħħal:**<br><br>**'Artikolu 6a**<br><br>**Rapport dwar pagamenti lill-gvernijiet**<br><br>**...'."** |

*Spjegazzjoni*

*L-Artikolu 1(5) attwali tad-direttiva proposta jissostitwixxi lill-Artikolu 6 attwali tad-Direttiva 2004/109/KE dwar dikjarazzjonijiet dwar il-ġestjoni interim b'test ġdid dwar ir-rapportar minn emittenti attivi fl-industriji estrattivi jew tal-logging. Il-BĊE jipproponi li l-Artikolu 6 jinżamm bħala disposizzjoni fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet dwar il-ġestjoni interim. Fl-istess waqt, il-BĊE jipproponi li l-Artikolu 6 jiġi emendat sabiex jikseb l-għanijiet li ġejjin:*

(a) *ir-rekwiżit li jiġu ppubblikati d-dikjarazzjonijiet dwar il-ġestjoni interim għandu jkompli japplika biss għal istituzzjonijiet finanzjarji interim (ara l-ispjegazzjonijiet għal Emendi 1 u 2);*

(b) *standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-AETS għandhom jintużaw biex jarmonizzaw id-dikjarazzjonijiet dwar il-ġestjoni interim u jallinjawhom mal-mudelli għar-rapportar li jridu jiġu żviluppati mill-ABE abbażi tar-regolament propost dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment;*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

(c) *l-awtorità kompetenti għas-suq tat-titoli għandha tkun tista' ddewwem l-iżvelar mill-emittent ta' informazzjoni ta' importanza sistemika fejn dan ikun fl-interess pubbliku, fuq inizjattiva tagħha stess jew jekk mitluba mill-istituzzjoni finanzjarja emittenti, il-bank ċentrali relevanti tas-SEBĊ, l-awtorità li tissuperviżjona l-istituzzjoni finanzjarja emittenti jew l-awtorità makroprudenzjali nazzjonali* [3]. *Din il-proposta hija konsistenti mal-Artikolu 12 tar-regolament propost tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġjata u l-manipulazzjoni tas-suq (l-abbuż tas-suq)* [4]

(d) *Ir-referenza għad-Direttiva 2003/6/KE fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/109/KE teħtieġ li tinbidel b'referenza għar-regolament propost fuq imsemmi.*

***Emenda 6***

Artikolu 1(11a) ġdid tad-direttiva proposta

| | |
|---|---|
| [ebda test] | **"(11a) Fl-Artikolu 19, huwa miżjud il-paragrafu 5 li ġej:**<br><br>**'5. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jirrigwardaw:**<br><br>**(a) l-introduzzjoni ta' tassonomija komuni għal tipi ta' informazzjoni regolata;**<br><br>**(b) l-armonizzazzjoni tal-formati li bihom tiġi rrapportata l-informazzjoni regolata, waqt li jiġu kkunsidrati livelli varji ta' armonizzazzjoni li jistgħu jkunu fattibbli għal tipi speċifiċi ta' informazzjoni regolata.**<br><br>**L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards teknici regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.**<br><br>**Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.'."** |

*Spjegazzjoni*

*Il-BĊE jappoġġja inizjattivi biex jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja, inkluż ukoll l-aċċess għal informazzjoni korporattiva rregolata mid-Direttiva 2004/109/KE. L-implimentazzjoni ta' prattiċi ta' rapportar li huma definiti tajjeb, ibbażata fuq formati ta' data standardizzati u infrastruttura ta' rapportar effiċjenti, ser tippermetti li informazzjoni rregolata tintuża minn investituri u regolaturi biex jiġu mmonitorjati l-iżviluppi fis-suq u, partikolarment, li jiġu analizzati riskji sistemiċi b'mod tempestiv. Għaldaqstant, il-BĊE jappoġġja l-emendi introdotti mid-direttiva proposta li jtejbu l-aċċess għall-informazzjoni rregolata, permezz ta' funzjonament aħjar tal-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment (OAMs) u billi jitwaqqaf fil-livell tal-Unjoni punt ta' aċċess wieħed għat-tiftix tal-informazzjoni miġbura mill-OAMs nazzjonali. Fl-istess waqt, il-BĊE jinnota illi l-utilità ta' punt ta' aċċess wieħed ser tiddependi fuq numru ta' fatturi, li jinkludu:*

(a) *l-introduzzjoni ta' tassonomija komuni għal tipi ta' informazzjoni regolata;*

(b) *l-armonizzazzjoni ta' formati li fihom tiġi rrapportata l-informazzjoni, waqt illi jiġu kkunsidrati d-differenzi bejn tipi ta' informazzjoni regolata li jistgħu jkunu faċilment armonizzati, eż ir-rapportar ta' investimenti ewlenin, u tipi oħra ta' informazzjoni regolata li huma aktar eteroġenji, eż informazzjoni interna, fejn l-armonizzazzjoni tista' tkun limitata għal ċerti kategoriji ta' rapportar ġenerali;*

(c) *l-armonizzazzjoni ta' standards tekniċi ta' arkivjar użati mill-emittenti fl-arkivjar tagħhom fil-OAMs, li għandha tipprovdi għal: (i) ipproċessar dirett tal-informazzjoni rrapportata u (ii) funzjonijiet affidabbli ta' docketing u versioning elettroniċi;*

(d) *l-għażla ta' soluzzjonijiet tekniċi effiċjenti għall-funzjonalità ċentrali ta' tfittxija, inkluż il-firxa ta' informazzjoni, ez. metadata jew indiċijiet, miġburin ċentralment fir-rigward ta' informazzjoni u dokumenti miżmumin f'livell ta' OAM;*

(e) *il-provvista ta' interfaċċja ta' tfittxija multilingwi adegwata għal utenti li jaċċessaw l-OAMs permezz tal-punt ta' aċċess ċentrali, li għandu jakkumpanja (i) il-funzjonijiet ta' tfittxija interattiva bħalma huma t-tfittxija dinamika u tat-tip katina, u (ii) it-tfittxija f'pajjiżi multipli mibdija b'rikjesta waħda;*

(f) *l-armonizzazzjoni ta' interfaċċji ta' tfittxija pprovduti minn OAMs, li b'mod partikolari ser tkun ta' benefiċċju għal investituri li qed ifittxu li jsaħħu r-riżultati miksuba mit-tfittxija permezz ta' punt ta' aċċess ċentrali permezz ta' tiftix ta' segwitu fl-OAMs nazzjonali relevanti.*

*Rekwiżiti dettaljati fl-oqsma fuq imsemmija għandhom ikunu stabbiliti bħala miżuri adottati mill-Kummissjoni u fi standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-AETS biex jiġu adottati mill-Kummissjoni. Il-BĊE jipproponi numru ta' proposti għall-abbozzar f'dan ir-rigward, billi jibni fuq rakkomandazzjonijiet li jkunu saru qabel mill-Kummissjoni u s-CESR* [5].

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Barra minn dan, għal raġunijiet ta’ teknika leġiżlattiva tajba l-BĊE iqis illi: (i) setgħat iddelegati fir-rigward tat-tassonomija tar-rapportar u l-formati komuni għandhom ikunu inklużi fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/109/KE, (ii) setgħat iddelegati fir-rigward ta’ arranġamenti tekniċi użati fl-arkivjar fil-OAMs nazzjonali u tal-armonizzazzjoni tal-interfaċċji ta’ tiftix fl-OAMs għandhom ikunu inklużi fl-Artikolu 21 ta’ din id-Direttiva, u (iii) setgħat iddelegati fir-rigward tal-interoperabbiltà ta’ OAMs nazzjonali, inkluż l-użu tal-identifikatur uniku, kif ukoll it-tħaddim tal-punt ta’ aċċess ċentrali f'livell ta’ Unjoni, ser ikunu jridu jiġu inklużi fl-Artikolu 22 ta’ din id-Direttiva, kif propost f'Emendi 6 sa 8.*

***Emenda 7***

Artikolu 1(12) tad-direttiva proposta

| | |
|---|---|
| “(12) L-Artikolu 21(4) huwa sostitwit b’li ġej: | “(12) **Fl**~~L-~~Artikolu 21~~(4) huwa sostitwit b’~~ **qed jiżdied il-paragrafu 5** li ġej: |
| ‘4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta, permezz ta’ atti delegati skont l-Artikolu 27(2a), (2b) u (2c), u soggett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 27a u 27b, mizuri sabiex tispeċifika l-istandards minimi u r-regoli li ġejjin: | ~~‘4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta, permezz ta’ atti delegati skont l-Artikolu 27(2a), (2b) u (2c), u soggett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 27a u 27b, mizuri sabiex tispeċifika l-istandards minimi u r-regoli li ġejjin:~~ |
| (a) standards minimi għat-tixrid ta’ informazzjoni regolata, kif imsemmi fil-paragrafu 1; | ~~(a) l-istandards minimi għat-tixrid ta’ informazzjoni regolata, kif imsemmi fil-paragrafu 1~~; |
| (b) standards minimi għall-mekkaniżmu ta’ ħzin ċentrali kif imsemmi fil-paragrafu 2; | ~~(b) standards minimi għall-mekkaniżmu ta’ ħzin ċentrali kif imsemmi fil-paragrafu 2~~; |
| (c) regoli rigward l-interoperabilità tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni uzati mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b’mod uffiċjali u l-aċċess għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 2. | ~~(c) regoli rigward l-interoperabilità tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni użati mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b’mod uffiċjali u l-aċċess għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 2.~~ |
| Il-Kummissjoni tista’ tispeċifika wkoll lista ta’ mezzi għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni lill-pubbliku.’.’ | ~~Il-Kummissjoni tista’ tispeċifika wkoll lista ta’ mezzi għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni lill-pubbliku.’.~~ |
| | **5. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward ta’:** |
| | **(a) l-armonizzazzjoni ta’ arranġamenti tekniċi użati mill-emittenti fl-arkivjar tagħhom fil-mekkaniżmi maħtura b’mod uffiċjali, b’mod partikolari li jippermettu l-użu ta’ teknoloġija ta’ pproċessar dirett, ir-reġistrazzjoni taż-żmien għall-arkivjar (*docketing* elettroniku) u r-reġistrazzjoni ta’ kwalunkwe emendi sussegwenti għall-informazzjoni rrapportata oriġinarjament (*versioning*)**; |
| | **(b) l-armonizzazzjoni tal-interfaċċji ta’ tiftix ipprovduti mill-mekkaniżmi maħtura b’mod uffiċjali.** |
| | **L-AETS għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta’ standards teknici regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2014.** |
| | **Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards teknici regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.’.”** |

*Spjegazzjoni*

*Ara l-ispjegazzjoni fir-rigward ta’ Emenda 6. Setgħat iddelegati taħt l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/109/KE għandhom jirrigwardaw l-armonizzazzjoni ta’ arranġamenti tekniċi għall-arkivjar u tal-interfaċċji ta’ tfittxija mħaddmin minn OAMs nazzjonali, waqt li f'dan ir-rigward jibnu fuq rakkomandazzjonijiet li jkunu saru aktar kmieni mill-Kummissjoni u s-CESR.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Emenda 8*

Artikolu 1(13) tad-direttiva proposta

| | |
|---|---|
| '(13) L-Artikolu 22 huwa mibdul b'li ġej: | "(13) L-Artikolu 22 huwa mibdul b'li ġej: |
| "Artikolu 22 | 'Artikolu 22 |
| Aċċess għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni | **Interoperabbiltà u a** ~~A~~ċċess għal informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni |
| 1. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jistipulaw rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni sabiex tispeċifika dan li ġej: | **1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 27(2a), (2b) u (2c), u bla ħsara għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 27a u 27b, miżuri sabiex tispeċifika l-istandards minimi u r-regoli li ġejjin:** |
| (a) ir-rekwiżiti tekniċi rigward l-interoperabbiltà tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni użati mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod uffiċjali; | **(a) ir-regoli għall-interoperabbiltà tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni użati mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod ufficjali**; |
| (b) ir-rekwiżiti tekniċi għat-tħaddim ta' punt ta' aċċess ċentrali għat-tfittxija ta' informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni; | **(b) ir-regoli għat-tħaddim tal-punt ta' aċċess ċentrali għal informazzjoni regolata stabbilit fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita t-twettiq minn investituri ta' tiftix effiċjenti, komplet u affidabbli ta' informazzjoni regolata u, b'mod partikolari, biex jippermetti l-paragun dirett bejn informazzjoni rrapportata minn emittenti minn Stati Membri varji.** |
| (c) ir-rekwiżiti tekniċi rigward l-użu ta' identifikatur uniku għal kull emittent mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod uffiċjali; | ~~1~~2. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jistipulaw rekwiżiti tekniċi fir-rigward ta' ~~l-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni sabiex tispeċifika~~ dan li ġej: |
| (d) il-format komuni għall-ħżin ta' informazzjoni regolata mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod uffiċjali; | (a) ~~ir-rekwiżiti tekniċi rigward~~ l-interoperabbiltà tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni użati mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod uffiċjali; |
| (e) il-klassifikazzjoni komuni ta' informazzjoni regolata mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod uffiċjali u l-lista komuni ta' tipi ta' informazzjoni regolata. | (b) ~~ir-rekwiżiti tekniċi għa~~ it-tħaddim **fil-livell tal-Unjoni** ta' punt ta' aċċess ċentrali għal **mekkaniżmi maħtura b'mod uffiċjali li bħala minimu ser: (i) ikunu bbażati fuq soluzzjoni teknika li tippermetti li** tfittxij~~a~~**iet effiċjenti** ta' informazzjoni regolata **f'pajjiżi multipli** ~~stabbilit fil-livell tal-Unjoni~~ **jinbdew b'talba waħda, u (ii) joffru interfaċċja għat-tfittxija multilingwi b'funzjonijiet avvanzati bħalma huma tfittxijiet dinamiċi u katina**; |
| 2. Fl-iżvilupp tal-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-AETS għandha tassigura li r-rekwiżiti tekniċi speċifikati fl-Artikolu 22(1), ikunu kompatibbli mar-rekwiżiti tekniċi għan-netwerk elettroniku tar-reġistri nazzjonali tal-kumpaniji stabbilit mid-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). | (c) ~~ir-rekwiżiti tekniċi rigward~~ l-użu ta' identifikatur uniku għal kull emittent mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod uffiċjali; **u l-użu tal-identifikatur uniku fil-funzjonijiet ta' tfittxija ta' mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod uffiċjali u tal-punt ta' aċċess ċentrali li jħalli lill-investituri jidentifikaw relazzjonijiet korporattivi bażiċi ta' grupp bejn l-entitajiet ma' identifikaturi uniċi differenti.** |
| L-AETS għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014. | ~~(d) il-format komuni għall-ħzin ta' informazzjoni regolata mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod uffiċjali;~~ |
| Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.<br>(*) ĠU L […]'." | ~~(e) il-klassifikazzjoni komuni ta' informazzjoni regolata mill-mekkaniżmi nazzjonali maħtura b'mod uffiċjali u l-lista komuni ta' tipi ta' informazzjoni regolata.~~ |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|
| | ~~2~~**3**. Fl-iżvilupp tal-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-AETS għandha tassigura li r-rekwiżiti tekniċi speċifikati fl-Artikolu 22(~~1~~**2**), ikunu kompatibbli mar-rekwiżiti tekniċi għan-netwerk elettroniku tar-reġistri nazzjonali tal-kumpaniji stabbilit mid-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).<br><br>L-AETS għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.<br><br>Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.<br><br>(*) GU L […].<br><br>**4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2016 dwar il-funzjonament tal-arranġamenti ta' interoperabbiltà u l-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni biex jiġi eżaminat jekk is-soluzzjonijiet introdotti għall-aċċess għal informazzjoni regolata jwettqux l-għan li jħallu lill-investituri jagħmlu paragun effiċjenti bejn emittenti minn Stati Membri differenti. Dan ir-rapport għandu jinkludi evalwazzjoni tal-impatt ta' kwalunwe emendi proposti għal dan l-Artikolu.**'.” |

*Spjegazzjoni*

*Ara l-ispjegazzjoni fir-rigward ta' Emenda 6. Setgħat iddelegati taħt l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2004/109/KE għandhom jindirizzaw b'mod komprensiv l-aċċess għall-informazzjoni regolata, l-interoperabbiltà ta' OAMs nazzjonali u t-tħaddim tal-punt ta' aċċess ċentrali fil-livell tal-Unjoni. Il-parametri tekniċi u l-karatteristiċi tal-interfaċċja ta' dan il-punt ta' aċċess ċentrali fil-livell tal-Unjoni għandu jħalli lill-investituri jqisuh bħala punt ta' aċċess wieħed konvenjenti għat-tfittxija tal-informazzjoni regolata rrapportata lill-OAMs nazzjonali kollha u biex tinkiseb informazzjoni komparattiva affidabbli dwar emittenti mill-Istati Membri varji. Il-funzjonament tal-arranġamenti dwar l-interoperabilità u l-punt ta' aċċess ċentrali għandu jiġi evalwat mill-Kummissjoni wara perjodu speċifikat bil-ħsieb li jiġi propost kwalunkwe aġġustament neċessarju.*

*L-iżvilupp u l-użu ta' identifikatur uniku għal kull emittent huwa karatteristika partikolarment utli tal-arranġamenti proposti. Il-proposti tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward jistgħu jużaw l-eżitu tax-xogħol internazzjonali fuq l-introduzzjoni tal-Identifikatur tal-Entità Legali bħala kodiċi ta' referenza standard għal emittenti u kontropartijiet għat-tranżazzjonijiet finanzjarji* ([6])*. B'mod aktar speċifiku, identifikatur uniku ser iżid l-affidabbiltà u l-paragunabbiltà ta' informazzjoni regolata miġbura minn OAMs nazzjonali u ser tħalli lil din l-informazzjoni tintrabat ma' data miġbura f'bażijiet ta' data regolatorji oħra li jistgħu jużaw l-istess identifikatur uniku. Il-benefiċċji tal-użu ta' identifikatur uniku ser ikunu viżibbli b'rabta ma' tipi varji ta' obbligi ta' rapportar, bħall-pubblikazzjoni ta' rapporti annwali li jidentifikaw is-sussidjarji jew li jirrapportaw dwar l-akkwiżizzjonijiet ta' investimenti ewlenin. L-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni ta' grupp u r-relazzjonijiet ta' grupp għandha implikazzjonijiet multipli għal investituri, u wkoll għal superviżuri u regolaturi li, pereżempju, ikunu jistgħu jevalwaw aħjar il-propagazzjoni potenzjali tar-riskji fi ħdan il-grupp korporattiv. Waqt illi jista' jkun hemm numru ta' limitazzjonijiet prattiċi għall-iżvelar tar-relazzjonijiet tal-grupp b'mod komprensiv, anke l-aċċess parzjali għal din l-informazzjoni għandu jkun titjib milqugħ.*

([1]) Il-grassett fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi li jiddaħħal test gdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi t-tħassir ta' test.
([2]) KUMM(2011) 684 finali.
([3]) Ara f'dan ir-rigward ir-Rakkomandazzjoni tal-BERS, BERS/2011/3 dwar il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali, disponibbli fuq il-websajt tal-BERS fuq http://www.esrb.europa.eu
([4]) KUMM(2011) 651 finali.
([5]) Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar in-netwerk elettroniku ta' mekkaniżmi maħtura uffiċjalment għall-ħażna ċentrali ta' informazzjoni regolata msemmija fid-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 267, 12.10.2007, p. 16); ara wkoll id-dokument ta' konsultazzjoni tas-CESR ta' Lulju 2010, "L-iżvilupp ta' aċċess Pan-Ewropew għall-informazzjoni finanzjarja żvelata minn kumpaniji kkwotati", disponibbli fuq il-websajt tal-AETS fuq http://www.esma.europa.eu
([6]) Ara Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu, Kumitat Tekniku tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, "Report on OTC derivatives data reporting and aggregation requirements — Consultative report" ("Rapport dwar ir-rapportar ta' data dwar id-derivati OTC u r-rekwiżiti ta' aggregazzjoni – Rapport konsultattiv"), Awwissu 2011, Taqsima 4.5.1, disponibbli fuq il-websajt tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali fuq http://www.bis.org

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 93/03)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 11.10.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33499 (11/N) |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Régimen español de I + D para TIC: Ayudas a la innovación en materia de procesos y organización en actividades de servicios |
| Il-bażi legali | Orden ITC/362/2011, de 21 de febrero, por la que se regulan las bases, el régimen de ayudas y la gestión del Plan Avanza 2, en el marco de la acción estratégica de telecomunicaciones y sociedad de la información, dentro del Plan Nacional de Investigación Científica, Desarrollo e Innovación Tecnológica, 2008-2011 |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Innovazzjoni |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta, Self b'rata ta' imgħax baxxa |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 311 miljun |
| L-intensità | 35 % |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2011 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Secretaría de Estado de Telecomunicaciones y para la Sociedad de la Información<br>C/ Capitán Haya, 41<br>28071 Madrid<br>ESPAÑA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 17.2.2012 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.34229 (12/N) |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | País Vasco |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | La promoción, difusión, y/o normalización del Euskera en el ámbito de las tecnologías de la información y la comunicación (Convokatoria IKT) |
| Il-bażi legali | Borrador del orden, de 21 de diciembre de 2011, de la Consejera de Cultura, por la que se regula la concesión y se convocan subvenciones para la promoción, difusión y/o normalización del euskera en el ámbito de las tecnologías de la información y la comunicación en el año 2012 (Convocatoria IKT) |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura, Żvilupp settorjali |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 1,46 miljun<br>Baġit globali: EUR 1,46 miljun |
| L-intensità | 60 % |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2012 |
| Setturi ekonomiċi | Il-Midja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Dirección de Promoción del Euskera<br>Viceconsejería de Política Lingüistica<br>Departamento de Cultura<br>C/ Donostia, 1<br>01010 Vitoria-Gasteiz<br>Álava, País Vasco<br>ESPAÑA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

**Bidu ta' proċeduri**

**(Każ COMP/M.6458 – Universal Music Group/EMI Music)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 93/04)

Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni iddeċidiet li tibda proċeduri fil-każ ta' hawn fuq wara li sabet li l-konċentrazzjoni nnotifika tqajjem dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni. Il-bidu tal-proċeduri jiftaħ it-tieni fażi ta' investigazzjoni fir-rigward tal-konċentrazzjoni nnotifikata, u jsir mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-każ. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jistgħu jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Sabiex l-osservazzjonijiet jiġu kkunsidrati bis-sħiħ fil-proċedura, dawn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux iktar tard minn 15-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (+32 22964301 / 22967244) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.6458 – Universal Music Group/EMI Music, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat)**

(2012/C 93/05)

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 7.12.2011 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33174 (11/N) | |
| Stat Membru | L-Italja | |
| Reġjun | — | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Misura 221 — Imboschimento di terreni agricoli | |
| Il-bażi legali | Misura 221 «Imboschimento di terreni agricoli» [articolo 36, b, i; articolo 43 del regolamento (CE) n. 1698/2005] dei Programmi di sviluppo rurale regionali 2007-2013:<br>— risoluzione del Consiglio relativa a una Strategia forestale per l'Unione europea 1999/C 56/01,<br>— comunicazione della Commissione al Consiglio e al Parlamento europeo sull'attuazione della Strategia forestale dell'Unione europea COM(2005) 84 def. del 10 marzo 2005,<br>— comunicazione della Commissione al Consiglio e al Parlamento europeo: Piano d'azione dell'UE per le foreste (Forest Action Plan) sull'attuazione della Strategia forestale dell'Unione europea COM(2006) 302 def. del 15 giugno 2006,<br>— decreto legislativo n. 227/2001 e successive modifiche,<br>— decreto ministeriale 16 giugno 2005 «Linee guida di programmazione forestale»,<br>— programma quadro nazionale per il settore forestale (PQSF) approvato in CSR il 18 dicembre 2008,<br>— leggi e regolamenti regionali e, in assenza, Prescrizioni di massima e di Polizia forestale, previste dall' R.D.L. 30 dicembre 1923, n. 3267,<br>— norme d'uso di gestione e salvaguardia dei boschi, di competenza regionale, formulate sulla base dei principi internazionali di gestione forestale sostenibile.<br>Tali norme sono di competenza della Regioni e sono formulate, sulla base delle caratteristiche territoriali, sui principi internazionali di Gestione forestale sostenibile [Conferenze ministeriali per la protezione delle foreste in Europa (MCPFE), adottati dal Governo italiano e dalle Amministrazioni regionali. […] | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | Żvilupp settorjali, Protezzjoni tal-Ambjent | |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta | |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 235,10 (f'miljuni)<br>Baġit annwali: EUR 235,10 (f'miljuni) | |
| L-intensità | 80 % | |
| It-tul ta' żmien | 7.12.2011-31.12.2013 | |

| | |
|---|---|
| Setturi ekonomiċi | Forestrija u qtugħ u trasport ta' siġar għall-injam |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministero delle politiche agricole alimentari e forestali<br>Via XX Settembre 20<br>00187 Roma RM<br>ITALIA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** [1]

**Id-29 ta' Marzu 2012**

(2012/C 93/06)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3272 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,2830 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 109,21 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3271 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4372 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,3048 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83580 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6292 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,8450 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6705 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2051 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 509,85 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 10,2562 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,6320 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,3652 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,5108 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,778 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 164,39 |
| HUF | Forint Ungeriż | 294,36 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0738 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 57,139 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7007 | RUB | Rouble Russu | 38,9600 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1612 | THB | Baht Tajlandiż | 40,971 |
| RON | Leu Rumen | 4,3807 | BRL | Real Brażiljan | 2,4315 |
| TRY | Lira Turka | 2,3677 | MXN | Peso Messikan | 16,9975 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 68,1120 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

(2012/C 93/07)

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-Programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE ("it-twaqqif ta' Programm Konġunt tal-UE dwar ir-Risistemazzjoni")

Il-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess u sabiex tkun żgurata l-adozzjoni immedjata tal-proposta, tappoġġja t-test finali; madankollu tiġbed l-attenzjoni li dan hu mingħajr ħsara għad-dritt tagħha ta' inizjattiva fir-rigward tal-għażla tal-bażijiet legali, b'mod partikolari r-referenza għall-użu futur tal-Artikolu 80 TFUE.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2012/C 93/08)

**Għajnuna Nru:** SA.34532 (12/XA)

**Stati Membri:** Il-Belġju

**Reġjun:** Vlaams Gewest

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Subsidie Workshops biologische landbouw en voeding 2012-2013

**Bażi legali:** Ministerieel besluit tot toekenning van een subsidie aan Velt vzw voor het project „Workshops Biologische Voeding 2012-2013"

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema: EUR 0,02 miljun

**Intensità massima tal-għajnuna:** 90 %

**Data tal-implimentazzjoni:** —

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** mill-1 ta' Mejju 2012 sat-30 ta' April 2013

**Għan tal-għajnuna:** Għajnuna teknika (Art. 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006)

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Agrikoltura, forestrija u sajd

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Vlaamse Overheid
Departement Landbouw en Visserij
Koning Albert II-laan 35, bus 40
1030 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Indirizz tal-Internet:**

http://lv.vlaanderen.be/nlapps/docs/default.asp?id=1914

**Informazzjoni oħra:** —

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Sejħa għal proposti – Indikaturi bi frekwenza għolja f'waqthom għall-kummerċ globali u reġjonali

(2012/C 93/09)

1. **KUNTEST**

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tniedi sejħa għal proposti (ref. ECFIN/D/12/004) għall-bini u l-produzzjoni ta' kull xahar ta' indikaturi f'waqthom ta' żviluppi fil-kummerċ globali u reġjonali. L-indikaturi globali jinbnew minn isfel 'il fuq mill-indikaturi reġjonali. Il-livell reġjonali jinkludi lill-Istati Membri kollha kif ukoll lill-Pajjiżi Kandidati.

L-indikaturi tal-kummerċ globali sejrin ikunu elementi essenzjali fil-valutazzjoni f'waqtha taċ-ċiklu globali. Il-proġett sejjer itejjeb anki l-valutazzjoni u t-tbassir tan-negozju u t-tbassir tal-PDG ta' pajjiżi u reġjuni mhux tal-UE fl-eżerċizzji ta' tbassir sħaħ u interim.

L-indikaturi reġjonali sejrin jintużaw mill-Kummissjoni sabiex tikkalkula l-miżuri ta' kull xahar f'waqthom tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni għall-UE, iż-żona tal-euro u kull Stat Membru individwali. Miżuri bħal dawn sejrin ikunu għodod ferm utli fil-proċess ta' sorveljanza ekonomika tal-UEM, għal Stati Membri preżenti kif ukoll futuri taż-żona tal-euro.

Din il-kooperazzjoni għandha tieħu l-forma ta' ftehim qafas ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u istitut wieħed matul perjodu ta' erba' snin.

2. **SKOP U SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-AZZJONI**

2.1. **Għanijiet**

L-iskop huwa li jinbena sett li jkun pjuttost omoġenju u eżawrjenti ta' varjabbli tal-kummerċ reġjonali li flimkien ikopru d-dinja kollha. Is-sett irid ikun disponibbli f'qasir żmien, sabiex javża lil dawk li jfasslu l-politiki tal-Ewropa dwar bidliet fis-saħħa tal-ambjent estern jew dwar problemi possibbli fil-kompetittività ta' Stati Membri speċifiċi. Is-sett ta' varjabbli mhuwiex statistika fis-sens strett tal-kelma, hekk kif ħafna dejta nieqsa se jkollha tiġi stmata.

2.2. **Speċifikazzjonijiet tekniċi**

2.2.1. *Skeda ta' żmien u rrapportar ta' riżultati*

Ir-riżultati jridu jintbagħtu (bil-posta elettronika) lill-Kummissjoni kull xahar, sa mhux aktar tard mill-25 jum tax-xahar. Ir-riżultati sejrin ikunu sett aġġornat ta' serje taż-żmien ta' kull xahar, liema serje għandha preferibbilment tibda f'Jannar 1991. Id-data ta' tmiem tas-serje ta' żmien li għanda tiġi pprovduta fil-25 jum tax-xahar t trid tkun ix-xahar t-2. Pereżempju: ir-riżultati sa Settembru jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-25 ta' Novembru.

2.2.2. *Kontenut tar-riżultati*

Għall-pajjiżi u r-reġjuni deskritti hawn taħt, ir-riżultati għandu jkun fihom il-varjabbli li ġejjin:

— valuri tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet (euro attwali),

— prezzijiet tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet (prezzijiet f'euro),

— volumi tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet (euro kostanti),

— indiċi tal-produzzjoni industrijali,

— (fakultattiv) volum tal-PDG.

Meta jkunu neqsin, il-valuri u l-prezzijiet tal-kummerċ ikollhom jiġu stmati. Il-volumi tal-kummerċ jridu jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-valuri u l-prezzijiet tal-kummerċ. Dwar l-użu ta' varjabbli tal-prezzijiet: meta disponibbli, għandha tingħata preferenza lil indiċijiet tal-prezzijiet veri minflok lil indiċijiet tal-valur tal-unitajiet, li jbatu minn preġudizzju tal-kompożizzjoni. Is-serje kollha jridu jiġu aġġustati b'mod staġjonali u, kemm jista' jkun possibbli, aġġustati skont il-jum tax-xogħol.

Il-pajjiżi u r-reġjuni li jridu jiġu inklużi huma:

— kull Stat Membru tal-UE u kull Pajjiż Kandidat (trid tintuża definizzjoni flessibbli: wara ammissjoni ġdida bħala Pajjiż Kandidat, dak il-pajjiż irid jiżdied mal-kampjun),

— aggregati flessibbli għaż-żona tal-euro u l-UE,

— id-dinja,

— kull pajjiż jew reġjun terz kif elenkat fit-Tabella 56 tal-Anness Statistiku tad-dokument ta' tbassir tal-Kummissjoni

http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/2011/pdf/ee-2011-6_en.pdf

Mal-lista għandhom jiżdiedu:

— "Asja oħrajn" = Asja minbarra l-Ġappun, il-pajjiżi tal-Lvant Nofsani, iċ-Ċina, Ħong Kong u l-Korea,

— "Amerika Latina oħrajn" = L-Amerika Latina ħlief il-Brażil u l-Messiku.

## 3. DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI U TUL TA' ŻMIEN

### 3.1. Dispożizzjonijiet amministrattivi

L-istitut irid jintgħażel għal perjodu massimu ta' 4 snin. Il-Kummissjoni tixtieq tistabbilixxi kooperazzjoni fit-tul mal-applikant li jintgħażel. Għal dan il-għan, sejjer jiġi konkluż ftehim qafas ta' sħubija bejn il-partijiet. Skont dan il-ftehim qafas ta' sħubija, li sejjer jispeċifika l-għanijiet komuni u n-natura tal-azzjonijiet ippjanati, jistgħu jiġu konklużi erba' ftehimiet speċifiċi ta' għotjiet annwali bejn il-partijiet. L-ewwel wieħed minn dawn il-ftehimiet speċifiċi ta' għotja sejjer jikkonċerna l-perjodu minn Ġunju 2012 sa Mejju 2013 (li jimplika l-għoti tal-ewwel sett ta' riżultati fil-25 ta' Ġunju 2012, u l-għoti tal-aħħar sett ta' riżultati fil-25 ta' Mejju 2013).

### 3.2. Tul ta' żmien

Kull ftehim ta' għotja se jkopri l-produzzjoni ta' 12-il sett ta' indikaturi ta' kull xahar.

## 4. QAFAS FINANZJARJU

### 4.1. Sorsi ta' finanzjament tal-Unjoni

L-operazzjonijiet magħżula sejrin jiġu ffinanzjati mill-intestatura tal-baġit 01 02 02 – Il-koordinament u s-sorveljanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

### 4.2. Baġit totali tal-Unjoni stmat għal din is-sejħa

Il-baġit totali indikattiv disponibbli fuq erba' perjodi għal din l-azzjoni huwa ta' EUR 200 000 jew EUR 50 000 fis-sena. Soġġetti għar-riżorsi baġitarji disponibbli, l-ammonti għas-snin segwenti jistgħu jiżiedu b'madwar 2 % fis-sena.

### 4.3. Perċentwal tal-kofinanzjament tal-Unjoni

Is-sehem tal-Kummissjoni fil-finanzjament konġunt ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarju fuq il-produzzjoni tas-sett ta' dejta. Il-Kummissjoni tiddetermina l-perċentwal tal-kofinanzjament.

### 4.4. Finanzjament tal-azzjoni mill-benefiċjarju u l-ispejjeż eliġibbli mġarrba

Il-benefiċjarju sejjer jintalab jissottometti baġit dettaljat għas-sena 1 li jkun fih stima tal-ispejjeż u l-finanzjament tal-azzjoni, mogħtija f'euro u minbarra l-VAT. Sejjer jiġi pprovdut baġit dettaljat, rispettivament għas-sena 2, is-sena 3 u s-sena 4 skont il-ftehim qafas ta' sħubija fuq il-bażi ta' stedina mill-Kummissjoni lill-imsieħeb.

L-ammont tal-għotja bbaġitjat mitlub mill-Kummissjoni għandu jitqarreb għall-eqreb għaxra. Il-baġit sejjer jiġi inkorporat bħala anness għall-ftehim speċifiku ta' għotja.

L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jiġġarrbu biss wara l-firma ta' ftehim speċifiku ta' għotja mill-partijiet kollha, ħlief f'każijiet eċċezzjonali u, taħt l-ebda ċirkostanza, qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal għotja. Il-kontribuzzjonijiet in natura mhumiex meqjusin bħala spejjeż eliġibbli.

### 4.5. Arranġamenti ta' ħlas

Fi żmien 45 jum mid-data meta l-aħħar waħda miż-żewġ partijiet tiffirma l-ftehim speċifiku, għandu jsir ħlas ta' qabel il-finanzjament lill-imsieħeb, li jirrappreżenta 40 % tal-ammont massimu tal-għotja speċifikata fl-Artikolu 3 tal-ftehim speċifiku ta' għotja.

Talba għal ħlas tal-bilanċ flimkien ma' dikjarazzjoni finanzjarja finali tal-ispejjeż attwali mġarrba u lista tal-ispejjeż dettaljata għall-perjodu sħiħ tal-azzjoni sejrin jiġu sottomessi fi żmien xahrejn wara d-data ta' għeluq tal-azzjoni.

It-talba għal ħlas tal-bilanċ għandha tiġi ppreċeduta mis-sottomissjoni f'waqtha tas-sett ta' dejta meħtieġ.

L-ammont tal-aħħar ħlas għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba tabilħaqq, li jridu jkunu traċċabbli u identifikabbli fis-sistema kontabilistika tal-ispejjeż tal-benefiċjarju.

Il-Kummissjoni tista' twettaq verifika tal-użu li sar mill-għotjiet li għamlet.

### 4.6. Sottokuntrattar

L-ebda sottokuntrattar ma huwa permess.

### 4.7. Proposti konġunti

Fil-każijiet kollha ta' proposti konġunti, il-kompiti u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-membri kollha li jieħdu sehem fil-proposta jridu jiġu identifikati b'mod ċar. Il-membri kollha jridu jipprovdu d-dokumenti meħtieġa kollha għall-valutazzjoni tal-proposta sħiħa fir-rigward tal-kriterji ta' esklużjoni, għażla u għoti (ara l-punti 5, 6 u 7 aktar 'l isfel) relatati mal-kompiti tagħhom.

Wieħed mill-membri parteċipanti jassumi l-irwol ta' koordinatur u għandu:

— jassumi r-responsabbiltà ġenerali għas-sħubija fir-rigward tal-Kummissjoni,

— jissorvelja l-attivitajiet tal-membru/i parteċipanti l-ieħor/oħrajn,

— jiżgura l-koerenza ġenerali u s-sottomissjoni f'waqtha tas-sett ta' dejta,

— jiċċentralizza l-firma tal-ftehim u jipprovdi l-ftehim iffirmat kif suppost mill-parteċipanti kollha lill-Kummissjoni (dan jista' jsir permezz ta' prokura),

— jiċċentralizza l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni u jagħti l-ħlasijiet lill-parteċipanti,

— jiġbor dokumenti ta' prova tan-nefqa mġarrba minn kull parteċipant u jippreżentahom f'sotto-missjoni waħda.

5. **KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ**

5.1. **Status legali tal-applikanti**

Is-sejħa għal proposti hija miftuħa għal korpi u istituti (entitajiet legali) bi status legali f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. L-applikanti jridu juru li jeżistu bħala entità legali u jipprovdu d-dokumentazzjoni meħtieġa permezz tal-formola standard ta' entità legali.

5.2. **Raġunijiet għal esklużjoni**

L-applikazzjonijiet mhumiex sejrin jiġu kkunsidrati għal għotja jekk l-applikanti jkunu fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin (b'konformità mal-Artikoli 93 u 94 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea):

(a) huma falluti jew għaddejjin minn proċedura ta' stralċ, għandhom kawżi li qed jiġu amministrati mill-qrati, daħlu fi ftehim ma' kredituri, issospendew l-attivitajiet ta' negozju, huma s-suġġett ta' proċeduri li jikkonċernaw dawk il-kwistjonijiet, jew huma f'xi sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili stipulata fil-leġiżlazzjoni jew fir-regolamenti nazzjonali,

(b) ġew ikkundannati għal reat li jikkonċerna l-kondotta professjonali tagħhom permezz ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat bħala "*res judicata*",

(c) kienu ħatja ta' kondotta professjonali ħażina gravi murija bi kwalunkwe mezz li l-awtorità kontraenti tista' tiġġustifika,

(d) ma ssodisfawx l-obbligi relatati mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew il-ħlas ta' taxxi skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih huma stabbiliti jew skont dawk tal-pajjiż tal-awtorità kontraenti jew dawk tal-pajjiż fejn għandu jitwettaq il-ftehim,

(e) kienu soġġetti għal sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat bħala "*res judicata*" għal frodi, korruzzjoni, involviment f'organizzazzjoni kriminali jew attività illegali oħra dannuża għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni,

(f) qed isegwu proċedura ta' akkwist oħra jew proċedura ta' għoti ta' għotja ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, ġew iddikjarati li huma fi ksur serju ta' kuntratt għaliex naqsu milli jikkonformaw mal-obbligi kuntrattwali tagħhom,

(g) huma mixlija b'kunflitt ta' interess,

(h) kienu ħatja ta' rappreżentazzjoni ħażina fl-għoti tal-informazzjoni meħtieġa jew naqsu milli jipprovdu din l-informazzjoni.

L-applikanti jridu jiċċertifikaw li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fil-punt 5.2 permezz ta' formola standard ta' dikjarazzjoni fuq l-unur fir-rigward tal-kriterji ta' eżekuzzjoni.

5.3. **Penali amministrattivi u finanzjarji**

5.3.1. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' penali stabbiliti fil-kuntratt, il-kandidati jew l-offerenti u l-kuntratturi li jkunu għamlu dikjarazzjonijiet foloz, żbalji sostanzjali jew wettqu irregolaritajiet jew frodi, jew li jkun instab li qed jiksru b'mod serju l-obbligi kuntrattwali tagħhom, jistgħu jiġu esklużi mill-kuntratti u l-għotjiet kollha ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni għal massimu ta' ħames snin mid-data li fiha huwa stabbilit il-ksur, kif ikkonfermat wara proċedura avversarjali mal-kuntrattur.

Dak il-perjodu jista' jiġi estiż għal għaxar snin fil-każ ta' reat repetut fi żmien ħames snin mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu.

5.3.2. L-offerenti jew il-kandidati li jkunu għamlu dikjarazzjonijiet foloz, wettqu żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal penali finanzjarji li jirrappreżentaw minn 2 % sa 10 % tal-valur totali stmat tal-kuntratt li jkun qed jingħata.

Il-kuntratturi li jkunu nstabu li qed jiksru serjament l-obbligi kuntrattwali tagħhom jistgħu jkunu soġġetti għal penali finanzjarji li jirrappreżentaw minn 2 % sa 10 % tal-valur totali tal-kuntratt inkwistjoni.

Dik ir-rata tista' tiżdied għal 4 % sa 20 % f'każ ta' ksur ripetut fi żmien ħames snin mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

5.3.3. 1. Fil-każ imsemmi fil-punt 5.2(c), il-kandidati jew l-offerenti għandhom jiġu esklużi mill-kuntratti u l-għotjiet kollha għal massimu ta' ħames snin mid-data li fiha jitwettaq il-ksur jew, fil-każ ta' ksur li jkompli jew ripetut, id-data li fiha jieqaf il-ksur.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-punti 5.2(b) u (e), il-kandidati jew l-offerenti għandhom jiġu esklużi mill-kuntratti u l-għotjiet kollha għal massimu ta' ħames snin mid-data tas-sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat bħala "*res judicata*".

Dawk il-perjodi ta' esklużjoni jistgħu jiġu estiżi sa għaxar snin fil-każ ta' reat ripetut fi żmien ħames snin mid-dati msemmija fil-punti 1 u 2 aktar 'il fuq.

5.3.4. Il-każijiet imsemmija fil-punt 5.2(e) għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) każijiet ta' frodi kif imsemmija fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea mfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995,

(b) każijiet ta' korruzzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997,

(c) każijiet ta' parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, kif definita fl-Artikolu 2(1) tal-Azzjoni Konġunta 98/733/ĠAI tal-Kunsill (ĠU L 351, 29.12.1998, p. 1),

(d) każijiet ta' ħasil tal-flus kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE (ĠU L 166, 28.6.1991, p. 77).

## 6. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

L-applikanti jrid ikollhom sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament sabiex imantnu l-attività tagħhom tul il-perjodu li matulu tkun qed titwettaq l-azzjoni. Irid ikollhom il-kompetenzi u l-kwalifiki professjonali meħtieġa sabiex iwettqu l-azzjoni proposta jew il-programm ta' ħidma.

### 6.1. Kapaċità finanzjarja tal-applikanti

L-applikanti jrid ikollhom il-kapaċità finanzjarja sabiex iwettqu l-azzjoni proposta u jridu jipprovdu l-karti tal-bilanċi u r-rapporti tal-introjtu tagħhom għall-aħħar sentejn finanzjarji li għalihom ikunu ngħalqu l-kontijiet.

Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-korpi pubbliċi u l-organizzazzjoni internazzjonali.

### 6.2. Kapaċità operazzjonali tal-applikanti

L-applikanti jrid ikollhom il-kapaċità operattiva li jwettqu l-azzjoni proposta u għandhom jipprovdu d-dokumentazzjoni ta' prova xierqa.

Il-kriterji li ġejjin sejrin jintużaw sabiex tiġi vvalutata l-abilità ta' applikant:

— tal-inqas tliet snin ta' esperjenza bil-provi fit-tħejjija ta' sett simili ta' indikaturi,

— esperjenza bil-provi fil-bini ta' indikaturi tal-kummerċ internazzjonali u fl-indirizzar tal-kwistjonijiet metodoloġiċi (aġġustament staġjonali, aġġustament skont il-jum ta' xogħol, aggregazzjoni, metodoloġija tal-istima għal valuri neqsin u deflaturi neqsin, ...)

7. **KRITERJI TAL-GĦOTI**

Il-kriterji li ġejjin sejrin jintużaw sabiex jiġu evalwati l-proposti u jingħataw marki (ara l-punti aktar 'il quddiem) sabiex il-proposti jiġu kklassifikati u sabiex jingħata l-ftehim ta' għotja lil kandidat wieħed li jintgħażel, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-infiq effettiv tal-proposti u l-baġit disponibbli għassejħa:

— L-adegwatezza tar-riżorsi allokati għall-bini ta' indikaturi tal-kummerċ internazzjonali, inklużi persunal ikkwalifikat, arranġamenti għal monitoraġġ, superviżjonijiet u ġestjoni tar-riskji (massimu 20 punt)

— il-kwalità tal-metodoloġija proposta inklużi aspetti ta' aġġustament staġjonali, aġġustament skont il-jum ta' xogħol, id-deflazzjoni, l-aggregazzjoni u l-metodoloġija ta' stima għall-valuri neqsin u d-deflaturi neqsin (massimu 60 punt)

— l-effiċjenza tal-organizzazzjoni tax-xogħol tal-kandidat, f'termini ta' flessibbiltà, infrastruttura, u faċilitajiet għat-twettiq tax-xogħol, rapportar tar-riżultati u l-kollegament mal-Kummissjoni (massimu 20 punt)

8. **PROĊEDURI PRATTIĊI**

## 8.1. Tfassil u sottomissjoni tal-proposti

Il-proposti jrid ikun fihom il-formola standard ta' applikazzjoni għal għotja mimlija u ffirmata u d-dokumenti ta' prova kollha msemmija fil-punt 8.2.

Il-proposti jridu jiġu ppreżentati fi tliet taqsimiet:

— proposta amministrattiva,

— proposta teknika,

— proposta finanzjarja.

Il-forom standard li ġejjin jistgħu jinkisbu mill-Kummissjoni:

— formola standard ta' applikazzjoni għal għotja,

— dikjarazzjoni standard tal-baġit,

— formola standard ta' identifikazzjoni finanzjarja,

— formola standard ta' entità legali,

— formola standard ta' dikjarazzjoni ta' unur fir-rigward tal-kriterji ta' esklużjoni,

kif ukoll id-dokumentazzjoni rigward l-aspetti finanzjarji tal-għotja:

— mudell tal-ftehim qafas ta' sħubija,

— mudell tal-ftehim speċifiku tal-għotja annwali.

(a) billi jitniżżlu mill-indirizz elettroniku li ġej:

http://ec.europa.eu/economy_finance/procurement_grants/grants/proposals/index_en.htm

(b) f'każ li l-għażla preċedenti ma tkunx possibbli, billi tikteb lill-Kummissjoni (posta elettronika biss) fuq:

Posta elettronika: ECFIN-CALL-2012-TRADE-INDICATORS@ec.europa.eu

Jekk jogħġbok dejjem semmi "Call for proposals — ECFIN/D/12/004" bħala s-suġġett tal-messaġġ tal-posta elettronika.

Il-proposti jridu jiġu sottomessi f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, madankollu, preferibbilment f'waħda mil-lingwi tal-ħidma tal-Unjoni, l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż.

L-applikant irid jipprovdi proposta oriġinali waħda ffirmata u tliet kopji, mhux meħmużin flimkien. Dan ikun qed jiffaċilita x-xogħol amministrattiv fit-tħejjija tal-kopji/dokumenti meħtieġa kollha għall-kumitat ta' evalwazzjoni.

Il-proposti jridu jintbagħtu f'envelopp issiġillat ġewwa envelopp ieħor issiġillat.

L-envelopp ta' barra jrid ikollu miktub fuqu l-indirizz mogħti fil-punt 8.3 aktar 'l isfel.

L-envelopp issiġillat ta' ġewwa li jkun fih il-proposta jrid ikollu miktub fuqu "Call for Proposals — ECFIN/D/12/004, not to be opened by the internal mail department".

Il-Kummissjoni sejra tinnotifika lill-kandidati li tkun irċiviet il-proposta tagħhom.

### 8.2. **Kontenut tal-proposti**

#### 8.2.1. *Proposta amministrattiva*

Il-proposta amministrattiva trid tinkludi:

— formola standard ta' applikazzjoni għal għotja mimlija u ffirmata kif suppost,

— formola standard ta' entità legali mimlija u ffirmata kif suppost u d-dokumentazzjoni ta' prova mitluba li tixhed l-istatus legali tal-istitut,

— formola standard ta' identifikazzjoni finanzjarja mimlija u ffirmata kif suppost,

— dikjarazzjoni standard fuq l-unur iffirmata kif suppost fir-rigward tal-kriterji ta' esklużjoni,

— it-tabella ta' organizzazzjoni tal-istitut, li turi l-ismijiet u l-karigi tal-maniġment u tas-servizzi operattivi responsabbli għall-bini u t-twassil tar-riżultati meħtieġa,

— prova ta' sitwazzjoni finanzjarja tajba: karti tal-bilanċi u rapporti tal-introjtu mis-sentejn finanzjarji preċedenti li għalihom ingħalqu l-kontijiet.

#### 8.2.2. *Proposta teknika*

Il-proposta teknika trid tinkludi:

— deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-istitut, li tippermetti l-valutazzjoni tal-kwalifiki tiegħu u l-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien tal-esperjenza tiegħu fl-oqsma mitluba fil-punt 6.2. Dan għandu jfisser kwalunkwe studju relevanti, kuntratti ta' servizz, ħidma ta' konsulenza, stħarriġ, pubblikazzjonijiet jew ħidma oħra mwettqa preċedentement, fejn jiġi indikat isem il-klijent u fejn jiġi ddikjarat liema minnhom, jekk applikabbli, twettqu għall-Kummissjoni Ewropea. L-aktar studji u/jew riżultati relevanti għandhom jiġu mehmuża,

— deskrizzjoni dettaljata tal-organizzazzjoni operattiva għall-produzzjoni ta' sett ta' dejta. Għandha tiġi mehmuża I-dokumentazzjoni relevanti rigward l-infrastruttura, il-faċilitajiet, ir-riżorsi u l-persunal ikkwalifikat (CVs konċiżi tal-persunal l-aktar involut fil-produzzjoni tas-sett ta' dejta) għad-dispożizzjoni tal-applikant,

— deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija: sorsi tad-dejta, aġġustament staġjonali, aġġustament skont il-jum ta' xogħol, id-deflazzjoni, l-aggregazzjoni, il-metodoloġija tal-istima għall-valuri neqsin u d-deflaturi neqsin.

#### 8.2.3. *Proposta finanzjarja*

Il-proposta finanzjarja trid tinkludi:

— dikjarazzjoni standard tal-baġit dettaljata u mimlija kif suppost (f'euro u eskluża mill-VAT), li tkopri perjodu ta' 12-il xahar, li fiha pjan ta' finanzjament għall-azzjoni u l-analiżi dettaljata tal-ispejjeż eliġibbli totali u tal-unità għall-produzzjoni tas-sett ta' dejta. Għal korpi mhux pubbliċi, dan il-baġit jista' jinkludi b'mod eċċezzjonali l-VAT, jekk ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet tat-taxxa xierqa jiċċertifika li l-benefiċjarju ma jistax jirkupra l-VAT. Għall-korpi pubbliċi, il-VAT qatt ma huwa eliġibbli.

— dokument li jiċċertifika l-kontribuzzjoni finanzjarja minn organizzazzjonijiet oħrajn (kofinanzjament), jekk dan ikun applikabbli.

8.3. **Indirizz u data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-proposti**

L-applikanti interessati f'dawn l-għotjiet huma mistiedna jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea.

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi:

(a) jew **bil-posta jew servizz ta' kunsinna** ttimbrati mhux aktar tard **mit-30 ta' April 2012**. Il-prova tad-data ta' dispaċċ għandha tiġi kkostitwita mit-timbru tal-posta jew mid-data tal-karta ta' depożitu tas-servizz ta' kunsinna fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Economic and Financial Affairs
Call for Proposals Ref. ECFIN/D/12/004
Unit ECFIN/R2 — Financial Management
Office BU24 — 4/13
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1-3
1140 Bruxelles/Brussel (Evere)
BELGIQUE/BELGIË

(b) jew **imwassla personalment** fis-servizz postali ċentrali tal-Kummissjoni Ewropea (kunsinna personali jew kunsinna minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat tal-applikant, inklużi s-servizzi ta' kunsinna) fuq l-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Economic and Financial Affairs
Call for Proposals Ref. ECFIN/D/12/004
Unit ECFIN/R2 — Financial Management
Office BU24 — 4/13
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1-3
1140 Bruxelles/Brussel (Evere)
BELGIQUE/BELGIË

mhux aktar tard **mit-30 ta' April 2012** sal-16.00 (ħin ta' Brussell). F'dan il-każ, il-prova ta' sottomissjoni tingħata permezz ta' rċevuta datata u ffirmata mill-uffiċjal ta' lqugħ fid-dipartiment imsemmi fuq. Id-dipartiment huwa miftuħ mit-8.00 sal-17.00 mit-Tnejn sal-Ħamis, u mit-8.00 sal-16.00 il-Ġimgħa. Huwa magħluq is-Sibt, il-Ħadd u fil-vaganzi tal-Kummissjoni.

9. **X'JIĠRI MILL-APPLIKAZZJONIJIET LI JASLU?**

L-applikazzjonijiet kollha jiġu vverifikati sabiex jiġi vvalutat jekk jissodisfawx il-kriterji formali ta' eliġibblità.

Il-proposti meqjusin eliġibbli jiġu evalwati fl-isfond tal-kriterji ta' għażla u sussegwentement jingħataw marki skont il-kriterji tal-għażla msemmija aktar 'il fuq sabiex jiġi identifikat il-kandidat li jista' jirċievi finanzjament tal-UE għall-azzjoni, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-infiq effettiv tal-proposta u l-baġit disponibbli għal din is-sejħa.

Il-proċess ta' evalwazzjoni tal-proposti se jseħħ matul April/Mejju 2012. Għal dan il-għan, għandu jitwaqqaf kumitat ta' evalwazzjoni taħt l-awtorità tad-Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u l-kandidati li ma jintgħażlux sejrin jiġu nnotifikati b'mod individwali. Sejjer jiġi ffirmat ftehim qafas ta' sħubija mal-kandidat li jintgħażel, segwit mill-iffirmar ta' ftehim speċifiku ta' għotja għall-ewwel sena.

10. **IMPORTANTI**

Il-Kummissjoni tista' tgħarraf lill-partijiet interessati bi kwalunkwe żball, impreċiżjoni, ommissjoni jew kwalunkwe żball klerikali ieħor fit-test tas-sejħa għal proposti kif ukoll bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali billi tqiegħed l-informazzjoni fuq l-indirizz elettroniku tagħha:

http://ec.europa.eu/economy_finance/procurement_grants/grants/proposals/index_en.htm

L-applikanti huma mistiedna jivverifikaw is-sit elettroniku b'mod regolari.

Fuq talba tal-applikanti, il-Kummissjoni tista' tipprovdi informazzjoni addizzjonali bl-uniku skop li tiċċara aspett tas-sejħa għal proposti. Kwalunkwe talba għal informazzjoni addizzjonali tista' ssir, bil-miktub biss, lil ECFIN-CALL-2012-TRADE-INDICATORS@ec.europa.eu filwaqt li bħala suġġett tal-posta elettronika jkun hemm jidher b'mod ċar ir-referenza li ġejja: "Call for proposals — ECFIN/D/12/004". Talbiet għal informazzjoni addizzjonali li jidħlu inqas minn ħamest ijiem ta' xogħol qabel id-data finali għas-sottomissjoni ma jistgħux jiġu pproċessati.

Din is-sejħa għal proposti ma tikkostitwixxix xi forma ta' obbligu kuntrattwali min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward ta' xi istitut li jissottometti proposta fuq il-bażi tagħha. Kull komunikazzjoni rigward din is-sejħa għal proposti trid issir bil-miktub.

L-applikanti għandhom jieħdu nota tad-dispożizzjonijiet kuntrattwali li se jkunu obbligatorji fil-każ ta' għotja.

Għall-finijiet ta' salvagwardja tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, id-dejta personali tiegħek tista' tiġi ttrasferita lis-servizzi tal-awditjar intern, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Panil dwar l-Irregolaritajiet Finanzjarji u/jew lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

Id-dejta tal-atturi ekonomiċi li huma f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 93, 94, 96(1)(b) u 96(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju tista' tiġi inkluża f'bażi ta' dejta ċentrali u kkomunikata lill-persuni maħtura tal-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-korpi oħrajn imsemmija fl-Artikolu 95(1) u (2) tar-Regolament Finanzjarju. Dan jirreferi wkoll għall-persuni bis-setgħat ta' rappreżentazzjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-kontroll fuq l-atturi ekonomiċi msemmija. Kwalunkwe parti li tidħol fil-bażi ta' dejta għandha d-dritt li tiġi mgħarrfa dwar id-dejta li tikkonċernaha, fuq talba tal-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

## Azzjoni preparatorja "Ċirkolazzjoni tal-films fl-era diġitali" – Sejħa għall-proposti 2012

(2012/C 93/10)

### 1. Għanijiet

Fis-26 ta' Ottubru 2011, il-Parlament Ewropew adotta baġit ta' EUR 2 miljun għall-ewwel sena finanzjarja tal-azzjoni preparatorja "Ċirkolazzjoni tal-films fl-era diġitali". Din l-azzjoni għandha l-għan li tesperimenta strateġiji innovattivi fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-films Ewropej (swali taċ-ċinema, DVD, vidjow fuq talba, festivals, stazzjonijiet tat-televixin, eċċ).

Dan jinvolvi b'mod partikolari d-definizzjoni tal-kundizzjonijiet li aktarx jżidu l-komplimentarjetà bejn il-mezzi ta' distribuzzjoni sabiex titjieb iċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali u l-udjenza globali tal-films Ewropej fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

### 2. Azzjonijiet eliġibbli

L-azzjoni preparatorja se ssostni proġetti li jipproponu li jiġi ttestjat il-ħruġ simultanju jew kważi simultanju fil-mezzi kollha ta' distribuzzjoni u f'bosta territorji Ewropej.

Il-proġetti, li huma limitati għax-xogħlijiet ċinematografiċi Ewropej u għad-distribuzzjoni tagħhom fi ħdan il-pajjiżi tal-Unjoni Ewoprea, għandhom ikopru għadd sostanzjali ta' films u ta' territorji.

Dan il-parametru dimensjonali huwa essenzjali sabiex wieħed ikun jista' jitgħallem mill-azzjoni preparatorja u jimponiha bħala strument ta' għajnuna għad-teħid ta' deċiżjoni għall-awtoritajiet pubbliċi u l-professjonisti tal-industrija ċinematografika Ewropea.

F'din il-perspettiva, il-proġetti għandhom ukoll jipprevedu l-organizzazzjoni ta' laqgħa pubblika fit-tmiem tal-azzjoni li tippreżenta lill-professjonisti u lill-awtoritajiet pubbliċi r-riżultati ewlenin tal-esperimentazzjoni u t-tagħlim li jirriżultaw minnha.

### 3. Kandidati Eliġibbli

Biex ikunu eliġibbli, il-proposti għandhom jiġu ppreżentati minn grupp filwaqt li jiġu vverifikati t-tliet kriterji li ġejjin:

— il-grupp għandu jinkludi intrapriżi jew organizzazzjonijiet marbuta mas-swieq awdjoviżivi (produtturi, aġenti tal-bejgħ, distributuri, detenturi tad-drittijiet, kumpaniji kummerċjali, swali taċ-ċinema, pjattaformi tal-Vidjow fuq Talba …),

— il-membri kollha (koordinaturi u msieħba) tal-grupp kandidat għandu jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,

— il-grupp kandidat għandu jinkludi mill-inqas żewġ aġenti tal-bejgħ.

Il-kontribuzzjoni mitluba mill-grupp kandidat ma jistax jaqbeż is-70 % tal-ispejjeż eliġibbli kollha tal-proġett.

### 4. Kriterji tal-għażla

L-applikazzjonijiet eliġibbli se jingħataw punti minn total ta' 100 fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

*Kriterju tal-għotja nru 1: Kwalità tal-kontenut tal-attività, (50 punt) Kriterju tal-għotja nru 1: Kwalità tal-kontenut tal-attività, (50 punt)*

— Għadd, diversità u komplimentarjetà tal-films u t-territorji koperti mill-azzjoni (15-il punt);

— rilevanza tal-istrateġija tal-kummerċjalizzazzjoni (15-il punt);

— rilevanza tal-istrateġiji implimentati biex tiġi studjata aktar fid-dettall il-kwistjoni tal-komplimentarjetà bejn it-territorji u s-segmenti ta' distribuzzjoni (15-il punt);

— grad ta' innovazzjoni tal-azzjoni (5).

*Kriterju tal-għotja nru 2: Ġestjoni tal-proġett, (50 punt)* *Kriterju tal-għotja nru 2: Ġestjoni tal-proġett, (50 punt)*

— Kwalità tal-grupp kandidat (10);

— kwalità tal-pjan ta' ġestjoni tal-proġett tal-grupp (15);

— kwalità tal-metodoloġija proposta għall-ġbir, l-analiżi u t-tpoġġija f'perspettiva tar-riżultati miksuba (15);

— nefqa/benefiċċju tal-azzjoni proposta (10).

5. **Baġit għall-proġetti**

L-ammont disponibbli għal din is-sejħa għall-proposti huwa ta' EUR 1 994 000. L-appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni ma jistax jaqbeż is-70 % tal-ispejjez totali eliġibbli.

Il-kontribut finanzjarju se jingħata fil-forma ta' sovvenzjoni.

6. **Data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-proposti**

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu qabel **is-6 ta' Settembru 2012** lil:

Mrs Aviva SILVER
European Commission
Directorate-General for Education and Culture
Directorate D — Culture and Media
Unit D3 — MEDIA programme and media literacy
Office: MADO 18/68
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

7. **Informazzjoni sħiħa**

Il-programm ta' ħidma, il-linji gwida u l-formoli tal-applikazzjoni huma disponibbli fl-indirizz li ġej:

http://ec.europa.eu/media

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mat-termini kollha tal-linji gwida, għandhom jitressqu fuq il-formoli pprovduti u għandu jkun fihom l-informazzjoni u l-Annessi kollha speċifikati fit-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti.

**Sejħa għal applikazzjonijiet dwar in-nominazzjoni ta' membri tal-politika pubblika tal-Bord ta' Sorveljanza tal-EFRAG**

(2012/C 93/11)

Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) kien stabbilit fl-2001 biex jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-istandards tal-kontabilità. Minbarra l-funzjoni konsultattiva tiegħu, l-EFRAG għandu wkoll ir-rwol proattiv li jiżgura li l-opinjonijiet Ewropej dwar l-iżvilupp tar-rappurtar finanzjarju ikunu artikolati sew u b'mod ċar fil-proċess tad-definizzjoni tal-istandards internazzjonali ([1]).

L-EFRAG bħalissa għaddejja minn reviżjoni tal-governanza tagħha. It-terminu taż-żmien tal-membri tal-Bord Superviżorju attwali jiskadi fl-2012. Il-Bord Superviżorju tal-EFRAG mistenni li jinħatar f'Ottubru 2012 u għandu jibda jaħdem immedjatament

Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-Bord attwalitas-Sorveljanza tal-EFRAG jinkludu:

— l-approvazzjoni tal-istrateġija globali tal-EFRAG,

— il-ħatra ta' membri għall-Grupp ta' Esperti Tekniċi (TEG) u dawk tal-Kumitat tal-Ippjanar u tar-Riżorsi (PRC),

— l-indirizzar ta' kwistjonijiet baġitarji u ta' finanzjament

— il-monitoraġġ tal-indipendenza tat-TEG, l-effiċjenza tal-organizzazzjoni u l-kwalità tal-proċessi tiegħu

— il-kollegament mal-Istituzzjonijiet Ewropej u mal-fiduċjarji tal-Fondazzjoni IFRS, sabiex tkun immonitorjata l-kooperazzjoni m' dawk li jistabbilixxu l-Istandards Nazzjonali

Il-Bord ta‘ Sorveljanza se jkun kompost minn personalitajiet ta' livell għoli b'interess fl-iżvilupp globali tar-rappurtar finazjarju u b'bilanċ xieraq ta' esperjenzi professjonali, li jinkludu utenti, preparaturi u kontabilisti. Il-Membri kollha tal-Bord tas-Sorveljanza jaġixxu f'kapaċità personali u huma obbligati jimpenjaw irwieħhom formalment biex jaġixxu fl-interess tal-pubbliku Ewropew, b'mod indipendenti mill-affiljazzjoni professjonali jew settorjali tagħhom. Il-Bord ta‘ Sorveljanza bħalissa jikkonsisti fi 17-il membru, li jinkludu erba' karigi għal membri b'esperjenza li tibbaża fuq il-politika pubblika, jew f'livell Ewropew jew nazzjonali. Il-President attwali tal-Bord Superviżorju huwa s-Sur Pedro SOLBES MIRA.

Il-Kummissjoni qiegħda tagħmel din is-sejħa għall-applikazzjonijiet bi skop li jkollha lista ta' kandidati biex jiġu nominati bħala membri tal-politika pubblika tal-Bord ta‘ Sorveljanza.

Il-Kummissjoni sejra tqis il-kriterji li ġejjin meta tivvaluta l-applikazzjonijiet:

— esperjenza fil-politika pubblika f'livell Ewropew u internazzjonali, impenn ta' azzjoni fl-interess tal-pubbliku Ewropew;

— esperjenza fl-awtorità pubblika, korpi pubbliċi jew akkademja;

— livell għoli u integrità;

— għarfien tajjeb tal-lingwa Ingliża;

— familjarità mal-qasam tal-kontabilità ikun ta' siwi;

— il-ħtieġa ta' formazzjoni bilanċjata f'termini ta' oriġini ġeografika, sess u esperjenza.

L-applikazzjoni, iffirmata, għanda tasal għand is-servizzi il-Kummissjoni sa mhux aktar tard **mill-15 ta' Mejju 2012**. Kull applikazzjoni li tintbagħat wara d-data tal-għeluq tista' tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni biss f'każ ta' sostituzzjoni jew bdil.

([1]) Għal iktar tagħrif jekk jogħġbok irreferi għal http://www.efrag.org

L-applikazzjonijiet għandhom:

— jintbagħtu bil-posta rreġistrata jew b'kurrier privat f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for the Internal Market and Services
Attention of Mr Jonathan FAULL, Director-General
Rue de Spa 2, 03/205
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

— jew bil-posta elettronika lil:

MARKT-F3@ec.europa.eu

Fejn turi: "**EFRAG Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju**" bħala s-suġġett.

Kull applikazzjoni għandha timtela b'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, tindika biċ-ċar in-nazzjonalità tal-applikant u tinkludi d-dokumentazzjoni neċessarja. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu d-dettalji kollha meħtieġa għal valutazzjoni tagħhom; dawn jistgħu jinkludu *curriculum vitae* li jiddokumenta l-esperjenza professjonali u l-livell ta' speċjalizzazzjoni tal-applikant u ittra qasira li tispjega l-motivazzjoni tal-applikazzjoni. Għandha tingħata wkoll l-informazzjoni li ġejja:

— Ma' liema awtorità/organizzazzjoni kien(et) jaħdem/taħdem l-applikant? Għal kemm żmien?

— X'inhuma l-kompetenzi speċifiċi tiegħu/tagħha?

— F'liema proġetti speċifiċi jew xogħlijiet kien(et) involut(a)?

— Għandu/ha esperjenza fuq livell tal-UE jew internazzjonali?

— Il-kandidat għandu/ha xi interessi li jistgħu jkunu ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħu/tagħha?

Il-membri magħżula għandhom jinħatru fil-kapaċità personali u għandhom jagixxu indipendentament minn kull influwenza esterna. Huma jistgħu ma jkunux rappreżenantati minn membri supplenti. Il-Bord ta' Sorveljanza se jinħatar mill-Assemblea Ġenerali tal-EFRAG għal perjodu ta' 3 snin, li jista' jiġġeded. Il-membri jistgħu jżommu l-kariga sa massimu ta' 6 snin.

Il-lista tal-membri tal-Bord ta' Sorveljanza tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-Internet tal-EFRAG u dak tad-DĠ Suq Intern u Servizzi. L-ismijiet tal-membri se jinġabru, jiġu pproċessati u ppubblikati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ([1]).

Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-Sur Ugo BASSI, Direttur, Tel. +32 22953118, posta elettronika:Ugo.Bassi@ec.europa.eu, Is-Sur Jeroen HOOIJER, Kap tal-Unità Tel. +32 22955885, posta elettronika: Jeroen.Hooijer@ec.europa.eu

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6508 – GIP/Fluxys G/Fluxys Switzerland)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 93/12)

1. Fit-22 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li biha, min-naħa, l-impriżi Global Infrastructure Partners-A1 LP, Global Infrastructure Partners-B LP u Global Infrastructure Partner-C LP ("GIP", l-Istati Unit tal-Amerika), li huma kumpaniji fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati b'mod konġunt minn General Electric Company ("GE", l-Istati Unit tal-Amerika), u Credit Suisse Group ("Credit Suisse", l-Isvizzera) u, min-naħa l-oħra, Fluxys G SA ("Fluxys", il-Belġju), fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Publigas (il-Belġju), jakkwistaw, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża FluxSwiss SA ("FluxSwiss", l-Isvizzera) permezz tax-xiri ta' ishma. Bħalissa FluxSwiss hija sussidjarja pposseduta kompletament minn Fluxys.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal GIP: fond ta' investiment li jispeċjalizza fl-infrastruttura u f'assi b'rabta mal-infrastruttura madwar id-dinja,

— għal Fluxys: topera l-infrastruttura ta' trażmissjoni ta' gass naturali fl-Ewropa,

— għal FluxSwiss: timmaniġġja l-pipeline tal-gass naturali fl-Isvizzera,

— għal GE: kumpanija diversifikata li hija wkoll attiva fil-forniment tal-merkanzija u s-servizzi fl-infrastruttura tal-gass naturali u s-self finanzjarju għal proġetti ta' produzzjoni u esplorazzjoni tal-gass,

— għal Credit Suisse: servizzi finanzjarji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6508 – GIP/Fluxys G/Fluxys Switzerland, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6483 – PGGM Vermogensbeheer/Barclays Bank/UPP Group)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 93/13)

1. Fis-23 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha PGGM Vermogensbeheer B.V. ("PGGM") u Barclays Bank (ir-Renju Unit), jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża UPP Group (ir-Renju Unit) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal PGGM (il-Pajjiżi l-Baxxi) tipprovdi servizzi fil-qasam tal-pensjonijiet fil-ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni, ġestjoni tal-assi, appoġġ għall-ġestjoni u konsulenza politika għall-bosta fondi tal-pensjoni Olandiżi,

— għal Barclays Bank: l-operat ta' kumpanija tal-Barclays Group. Barclays huwa fornitur ta' servizzi finanzjarji globali impenjata f'operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur u dawk kummercjali, karti ta' kreditu, servizzi bankarji għall-investiment, u servizzi ta' gestjoni tal-investiment,

— għal UPP Group: attwalment ikkontrollat unikament mill-Barclays Fund Manager. UPP jipprovdi soluzzjonijiet għal-finanzjament, it-tfassil u l-operazzjoni ta' faċilitajiet residenzjali u akkademiċi lil universitajiet fir-Renju Unit, kif ukoll joffri servizz kontiwu ta' ġestjoni għal dawn il-faċilitajiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6483 – PGGM Vermogensbeheer/Barclays Bank/UPP Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 93/09 Sejħa għal proposti – Indikaturi bi frekwenza għolja f'waqthom għall-kummerċ globali u reġjonali 21

2012/C 93/10 Azzjoni preparatorja "Ċirkolazzjoni tal-films fl-era diġitali" – Sejħa għall-proposti 2012 ............ 30

2012/C 93/11 Sejħa għal applikazzjonijiet dwar in-nominazzjoni ta' membri tal-politika pubblika tal-Bord ta' Sorveljanza tal-EFRAG .................................................................... 32

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 93/12 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6508 – GIP/Fluxys G/Fluxys Switzerland) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ............................................... 34

2012/C 93/13 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6483 – PGGM Vermogensbeheer/Barclays Bank/UPP Group) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ............................ 35

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbigħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT